V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9830 — Avacon Natur/NEW AG/Stadtenfalter JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 212/04)

1. Fit-18 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— NEW Smart City GmbH ("NEW Smart City", il-Ġermanja), li tappartjeni għall-grupp NEW AG ("NEW", il-Ġermanja),

— Avacon Natur GmbH ("Avacon Natur", il-Ġermanja), finalment ikkontrollata minn E.ON SE ("E.ON"),

— Stadtentfalter GmbH ("Stadtentfalter", il-Ġermanja).

NEW Smart City u Avacon Natur jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Stadtentfalter.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab (joint venture, JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Avacon Natur tħaddem diversi impjanti ta' enerġija termali u tbigħ l-elettriċità, il-gass u t-tisħin u t-tkessiħ distrettwali,

— NEW Smart City hija attiva f'soluzzjonijiet ta' smart city u mobilità elettronika,

— Stadtentfalter se tkun attiva fil-kostruzzjoni u l-operazzjoni tat-tisħin distrettwali u networks tat-tkessiħ, fosthom il-kostruzzjoni ta' impjanti għall-ġenerazzjoni u l-provvista a' tkessiħ u tisħin, il-ġenerazzjoni tal-elettriċità għall-bejgħ f'dawn in-networks u konsulenza marbuta mat-tisħin / tkessiħ distrettwali, l-inġinerija u servizzi ta' ġestjoni.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9830 – Avacon Natur/NEW AG/Stadtentfalter JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË